



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-498/13

Agrooikosystemata EPE

vs

Ypourgos Oikonomias kai Oikonomikon et

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Agrikoltura — Politika Agrikola Komuni — Regolament (KEE) Nru 2078/92 — Metodi ta’ produzzjoni agrikola kompatibbli mar-rekwiżiti tal-ħarsien tal-ambjent u taż-żamma tal-kampanja fi stat tajjeb — Irtirar għal żmien twil ta’ art agrikola għal raġunijiet marbuta mal-ambjent — Għajjuna agro ambjentali mħallsa lill-bdiewa u kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea — Kwalità tal-benefiċjarju ta’ tali għajjuna”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-5 ta’ Frar 2015

1. *Dritt tal-Unjoni Ewropea — Interpretazzjoni — Testi plurilingwi — Interpretazzjoni uniformi — Diverġenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi — Teħid inkunsiderazzjoni tas-sens ġenerali u tal-iskop tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni*
2. *Agrikoltura — Politika Agrikola Komuni — Promozzjoni tal-metodi ta’ produzzjoni kompatibbli mar-rekwiżiti ambjentali — Regolament Nru 2078/92 — Skema ta’ għajjuna favur l-agrikolturi għall-irtirar għal żmien twil ta’ art agrikola — Benefiċjarji eliġibbli — Persuni li preċedentement kellhom fil-pussess tagħhom produzzjoni agrikola*

(Regolament tal-Kunsill Nru 2078/92, premessi 2, 10 u 12 u Artikolu 2(1)(f))

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 33)

2. Ir-Regolament Nru 2078/92, dwar metodi ta’ produzzjoni agrikola kompatibbli mar-rekwiżiti tal-ħarsien tal-ambjent u taż-żamma tal-kampanja fi stat tajjeb, għandu jiġi interpretat fis-sens li setgħu biss jibbenefikaw mill-programm tal-irtirar għal żmien twil ta’ art agrikola previst fl-Artikolu 2(1)(f) tiegħu dawk il-persuni li preċedentement kellhom fil-pussess tagħhom produzzjoni agrikola.

Fil-fatt, kif jirriżulta mit-tieni premessa, mill-għaxar premessa u mit-tnax-il premessa tiegħu, ir-Regolament Nru 2078/92 kien stabbilixxa skema Komunitarja ta’ għajjuna li l-għan prinċipali tagħha kien li tirregolarizza l-produzzjoni agrikola, hekk li huma biss il-persuni li għandhom il-kwalità ta’ agrikoltur li jistgħu jipparteċipaw fi programm tal-irtirar għal żmien twil ta’ art agrikola. Għalhekk,

it-twettiq tal-għanijiet agroambjentali msemmija f'dan ir-regolament ma huwiex minnu nnifsu suffiċjenti sabiex jiġġustifika l-fatt li l-għajnuna prevista minnu tista' tingħata lill-persuni oħra li ma humiex agrikolturi.

(ara l-punti 37, 38, 44, 45 u d-dispożittiv)